MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1371/2010

**GO PLC (C-22334)**
**Vs**
**Ritianne Busuttil (K.I. 230685M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ tmien mija u sbatax-il ewro u tlieta u tmenin centezmu (€817.83) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta’ attrici ghal servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont bin-numru 40101702 u 40076782, skont diversi kontijiet mibghuta lilha u skont dokumenti IZY1, IZY2,IZY3, u IZY4 annessi mat-talba.

Il-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx ir-risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fit-23 ta’ Novembru, 2010, mill-Avukat Dr. Keith Grech, u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex trrispondih, u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-lgi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------